# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI PRELIMINARI Nru. 2846

**Kaz Nru. 4013/HW**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Marianne Scicluna Lauri**

**U**

- **Ministru Ghall-Edukazzjoni**
- **Avukat ta' l-Istat**

**(Dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta).**

## Chairman: Is-Sur Harold Walls M.Sc., D.P.M., IPD(UK).

**Dan il-kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' dikjarazzjonijiet tar-rikorrenti Ms Marianne Scicluna Lauri li gie prezentat fir-registru tal-Qorti fil-15 ta' Novembru, 2021**

**Matul is-smigh il-Kaz, ir-rikorrenti kienet assistita mill-Avv. Jason Grima u ghall Ministru Ghall-Edukazzjoni deher l-Avv. Julian Farrugia u ghall-Avukat ta' l-Istat deher l-Avv. Daniel Inguanez.**

**Fid-dikjarazzjoni taghha r-rikorrenti tghid, li hija giet impjegata fis-7 ta' Jannar, 2021 bhala Learning Support Educator (LSE) u l-kuntratt ta' servizz kien defenit li jintemm fil-31 ta' Awissu, 2021.**

**Hija tghid ukoll, li skond il-kuntratt ta' impjieg hija kellha perjodu ta' probation ghal zmien ta' sitt xhur u ghalhekk l-perjodu ta' probation kellu jiskadi fis-6 ta' Lulju, 2021.**

**Ir-rikorrenti tghid ukoll, li l-kuntratt ta' servizz taghha gie terminat qabel ma skada l-kuntratt defenit li kellu jintemm fitl-31 ta' Awissu, 2021 ghax hija rceviet ittra datata 30 ta' Gunju, 2021 minghand Dr Francis Fabri Segretarju Permanenti fil-Ministeru Ghall-Edukazzjoni fejn infurmaha, li l-impjieg taghha kien qed jigi terminat b'effett mit-30 ta' Gunju, 2021 u r-raguni ghat-terminazzjoni ta' l-impjieg kienet ghax hija kienet ghadha waqt iz-zmien ta' prova.**

**Fid-dikjarazzjoni taghha hija tghid ukoll, li kienet tqila b'tarbija fid-data li l-impieg taghha gie terminat u fil-fatt hija kellha t-tarbija fid-29 ta' Settembru, 2021. Hija tghid ukoll, li matul l-impjieg taghha kienet ukoll applikat ghall-leave relatat mat-tqala.**

**Ir-rikorrenti tghid ukoll, li ma jezistux l-elementi rikjesti mill-Ligi sabiex jiggustifikaw it-terminazzjoni ta' l-impjieg taghha u hija tghid ukoll li ghandha l-kwalifiki kollha necessarji.**

**Fid-dikjarazzjoni taghha hija tkompli tghid, li meta gie terminat l-impjieg taghha tikkontendi li l-unika raguni li tista tahseb hi li l-impjieg taghha gie terminat ghax kienet tqila u kien se jkollha tarbija u nvista tali t-terminazzjoni ta'  l-impjieg ma kienitx valida u skond il-Ligi.**

**Hija tghalaq id-dikjarazzjoni taghha fejn titlob lit-Tribunal Industrijali jiddeciedi, li t-terminazzjoni ta' l-impjieg taghha kienet ingusta u jghati dawk ir-rimedji kollha li tipprovdi l-Ligi.**

**Ghall Ministru ghall-Edukazzjoni saret din id-Dikjarazzjoni li tghid :-**

**1) Illi permezz tar-rikors promotur ir-rikorrenti qed tallega li t-tkeccija mix-xoghol taghha kienet ibbazata fuq raguni mhux valida skond il-Ligi.**

**2) Illi in primis, dan it-Tribunal Industrijali m'ghandux kompetenza ratione materie biex jisma din il-kawza billi ai termini tal-Artikolu 80 (2) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta jghid "(2) Meta xi haga quddiem it-Tribunal tkun tolqot jew tkun dwar ufficjali pubblici t-Tribunal ghandu jastjeni milli jiehu konjizzjoni ta' kull haga li taqa' taht il-funzjonijiet ta' dik l-Kummissjoni".**

**3) Ill in linea mal-premess  u ghal kull buon fini, ir-rikorrenti kienet mgharrfa bir-remedju adatt ghaliha skond il-Ligi u cioe appell quddiem il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku ai termini tal-Manual on Resourcing Policies and Procedures u tal-Artiklu 110 tal-Kostituzzjoni.**

**F'dan il-kaz ir-rikorrenti, debitament notifikata b'din l-ittra kemm permezz ta' email kif ukoll b'posta registrata u ghazlet li ma tuzufruwix mid-dritt li kienet tgawdi.**

**4) Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-esponenti ma hux il-leggittmu kuntradittur tar-rikorrenti. Ai termini ta' l-Artikolu 17 (8) tal-Kap 595 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa s-Segretarju Permanenti tal-Ministeru koncernat li kellu jitharrek, u certament mhux l-esponenti.**

**5) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni odjerna hija preskritta ai termini tal-Artikolu 75 (3) tal-Kap 452 stante li dan l-ilment kellu jingieb quddiem dan l-Onorabbli Tribunal fi zmien erba' (4) xhur minn meta sehh l-allegat ksur. Fil-kaz odjern, it-tnedija saret b'effett mit-30 ta' Gunju, 2021 – ir-rikorrenti stess tirrikonoxxi dan fir-rikors promotur taghha – izda dan l-ilment ingieb quddiem dan l-Onorabbli Tribunal fil-15 ta' Novembru, 2021 u cioe' wara l-iskadenza ta' dan it-terminu.**

**6) Illi fil-mertu, l-esponenti tirrespingi l-pretensjonijiet tar-rikorrenti bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghar-ragunijiet li qed jinghataw minghajr pregudizzju ghal xulxin.**

**7) Illi din il-Kwistjoni lemana minn ittra datata 30 ta' Gunju, 2021 li permezz taghha, is-Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru ghall-Edukazzjoni nforma lir-rikorrenti li aitermini tal-Manual on Resourcing Policies and Procedures, kien qieghed item iz-zmien ta' prova (probation) qabel l-iskadenza tieghu. F'dan il-kuntest, tajjeb jinghad li r-rikorrenti kienet ingaggata bhala Supply Learning Support Educator b'kuntratt definit li jkopri l-perjodu bejn 7 ta' Jannar, 2021 u l-31 ta' Awwissu, 2021. Iz-zmien ta' prova kien wiehed ta' sitt (6) xhur u t-tnehhija taghha saret b'effett immedjat mit-30 ta' Gunju, 2021 u cioe' entro t-terminu ta' sitt (6) xhur.**

**8) Illi jibda billi jinghad li ai termini tal-Artikolu 36 tal-Kap 452, matul iz-zmien ta' prova, l-impjieg jista jigi terminat minn kull parti minghajr ma tinghata raguni. Fil-Kaz odjern, l-impjieg tar-rikorrenti gie terminat fiz-zmien ta' prova mhux minhabba l-kwalifiki taghha (altrimenti lanqas biss kienet tigi impjegata) izda minhabba li l-performance taghha fuq il-post tax-xoghol assolutament ma lahaqx il-livell mistenni minn supply LSE (ara wkoll Dok. B, C, D u E) Tajjeb jinghad li r-rapport sar peress li r-rikorrenti kienet fiz-zmien tal-prova taghha u ghaldaqstant – bhal ma jigri ma kull impjegat gdid fi zmien ta' prova – kellha ssir analizi ta' kif ir-rikorrenti kienet sejra biex b'hekk tkun tista' tinghata rakkomandazzjoni dwar jekk ir-rkorrenti ghandiex tigi kkonfermata fl-impjieg taghha jew jekk l-impjieg ghandu jig terminat fiz-zmien ta' prova.**

**9) Illi l-esponent jichad kategorikament l-allegazzjoni tar-rikorrenti li t-terminazzjoni tal-impjieg taghha kien b'rizultat tal-fatt li kienet tqila li t-terminazzjoni kienet ibbazata fuq ragunijiet gustifikati li jirrigwardjaw biss il-performance taghha fuq il-post tax-xoghol.**

**10) Ghaldaqstant, l-esponent umilment jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal jichad it-talbiet tar-rikorrenti.**

**L-Avukat tal-Istat fid-dikjarazzjoni tieghu jghid :-**

1) **Illi preliminarjament u fl-ewwel lok, l-Avukat tal-Istat m'huwiex l-legittmu kuntradittur ghal din il-kawza billi huwa la kien jimpjega lir-rikorrenti u lanqas ma kellu x'jaqsam mat-terminazzjoni tal-impjieg taghha. L-esponent jirrileva dan fid-dawl, li skond l-artikolu 181B tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili "l-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjara mill-Kap tad-Dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni" (enfasi mizjuda). B'hekk jidher illi l-Avukat tal-Istat gie imharrek f'din il-kawza bla mehtieg u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;**
2) **Illi fl-istess vena u fit-tieni lok, jinghad ukoll li r-rapprezentanza gudizzjarja tal-Ministeri hija vestita fis-Segretarju Permanenti rispettivi skond l-artikolu 17 (8) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika (Kap. 595 tal-Ligijiet ta' Malta) u mhux fil-Ministri**

**nfushom. B'hekk jidher ukoll li l-Onor. Ministru ghall-Edukazzjoni giet mharrka bla mehtieg.**

3) **Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet fuq esposti, ir-rikors huwa irricevibbli ratone temparis u dan a tenur tal-artikolu (3) tal-Att (Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta). Dan minhabba li ghaddew aktar minn erba' xhur mid-data effettiva tat-terminazzjoni tar-rikorrenti li, skond l-ittra annessa mar-rikors promotur u mmarkata Dok B kienet it-tletin (30) ta' Gunju, 2021.**
4) **Illi fl-ahhar lok u inkwantu ghall-merti fattwali, l-esponent m'huwiex edott mill-fatti stante li ma kellu l-ebda involviment mat-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrenti u ghalhekk izommu ferm id-dritt li jressaq eccezzjonijiet ulterjuri fuq il-mertu.**
5) **Ghaldaqstant, fid-dawl ta' dawn ir-ragunijiet l-esponenti umilment jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti fil-konfront taghhom bl-ispejjez.**

**Fis-seduta tat-Tribunal Industrijali li saret fid-9 ta' Dicembru, 2021 gew diskussi d-Dikjarazzjonijiet tal-partijiet u gie relevat li hemm diversi eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-parti appellata.**

**It-Tribunal Industrijali ddecieda li jghati terminu ta' zmien lill appellanti sabiex tirrispondi ghal dawn l-eccezzjonijiet u li dawn ma kellhomx jaslu aktar tard mill-14 ta' Jannar, 2022.**

**Fis-7 ta' Jannar, 2022 ir-rikorrenti permezz ta' l-assistenza legali taghha l-Avv. Jason Grima pprezenta nota li tghid :-**

1) **Illi fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni tal-Avukat tal-Istat, li huwa ma hux legittimu kontradittur l-esponenti bir-rispett tissottometti li t-talba taghha tikkomprendi fiha l-ottjeniment ta' rimedju mit-Tribunal liema rimedju fic-cirkostanzi tal-kaz jista' jkun li ghandu jinghata minn l-Avukat ta' l-Istat bhala rapprezentant ta' l-istess Stat. Ghalhekk huwa intempestiv li f'dan l-istadju jigi iddikjarat li l-Avukat ta' l-Istat ma hux legittimu kontradittur;**
2) **Illi fir-rigward tat-tieni eccezzjoni tal-Avukat tal-Istat, u r-raba eccezzjoni tal-Ministru ghall-Edukazzjoni, l-esponenti ssostni:**
   (i) **Illi l-artikolu 17 (8) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika (Kap. 595 tal-Ligijiet ta' Malta) jirreferi ghad-dmir ta' rapprezentazzjoni guridika li ghandu s-Segretarju Permanenti fil-konfront tal-Gvern f'atti u azzjonijiet gudizzjarji;**
   (ii) **Illi l-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika jikkoncerna biss l-amministrazzjoni pubblika u s-settur pubbliku u ma jikkoncernax persuni naturali jew legali;**
   (iii) **Illi l-artikolu 17 (8) surreferit ma jikkreja l-ebda obbligazzjoni fuq persuni naturali jew legali sabiex jintavolaw atti kontra s-Segretarju Permanenti fejnu applikabbli;**
   (iv) **Illi b'hekk, dan l-artikolu jirreferi ghal procedura interna li ghandha ssir fil-Ministeru jigi mharrek.**

**(v) Illi ghal dawn ir-ragunijiet, it-tahrika tal-Ministru ghall-Edukazzjoni ghanda tinkludi t-tahrika tas-Segretarju Permanenti, fejn dan ikollu rapprezentazzjoni guridika tal-Ministru.**

**(vi) Illi f'dan il-kaz, ir-regoli tal-procedura li jikkoncernaw persuni naturali u legali huma dawk li jinsabu fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u b'mod partikolari fl'artikolu 1818 li jipprovdi li "l-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni;**

**(vii) Illi b'hekk, it-tahrika tal-Ministru ghall-Edukazzjoni saret skond il-procedura applikabbli u r-rapprezentazzjoni guridika ghandha tigi inkarigata lil dak responsabbli skond il-procedura interna tad-Dipartiment.**

**3) Illi b'risposta ghat-tieni eccezzjoni tal-Ministru ghall-Edukazzjoni, l-esponenti ssosstni illi l-Onorabbli Tribunal ghandu kompetenza sabiex jisma' din il-kawza skond l-artikolu 12 tar-regolamenti Dwar il-Harsien tal-Maternita u dan ai termini tal-Manual on Resorucing and Procedures sezzjoni 1.8.6 li tipprovdi s-segwenti :**

**"Moreover, officers who avail themselves of maternity leave during the probationary period are subject to the provisions of regulation 12A of S.L. 452.91 (Protection of Maternity (Employment Regulations) and S.L. 452.105 (Extension of Applicability to Service with Government (Protection of Maternity (Employment) Regulations).**

**4) Illi fir-rigward tat-tielet eccezzjonii tal-Ministru ghall-Edukazzjoni, l-fatt li l-esponenti ghazlet li ma tezercitax id-dritt ghall-appell quddiem il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku m'ghandux ikun ta' pregudizzju ghad-dritt tal-esponenti li tiftah kawza quddiem it-Tribunal Industrijali.**

**Fil-25 ta' Jannar, 2022 ir-rikorrenti ntavolat rikors li jghid :-**

1. **Illi l-esponenti permezz tar-rikors talbet lil dan it-Tribunal jiddikjara li t-terminazzjoni taghha ta' l-impjieg ma kienitx skond il-Ligi.**
2. **Illi ghal dawn it-talbiet l-intimati resqu eccezzjoni preliminarI li huma ma humiex legittimi kontraditturi f'din il-kawza u li se mai kellhom jitharrku il-Kap tad-Dipartiment u s-Segretarju Permanenti koncernanti;**

**Ghaldaqstant u sabiex il-gudizzju jkun wiehed integru, l-esponenti qed titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal li jigu kjamati fil-kawza il-Kap tad-Dipartiment u s-Segretarju Permanenti koncernati fil-Ministeru ghall-Edukazzjoni sabiex jirrispondu ghat-talba imressqa minn l-attrici u dan taht dawk il-kundizzjonijiet kollha li din l-Onorabbli Qorti jghogoba tindika.**

**Fit-tieni seduta tat-Tribunal Industrijali li saret fit-3 ta' Frar, 2022 it-Tribunal Industrijali innota u ra r-rikors tar-rikorrenti. It-Tribunal Industrijali innota wkoll ir-risposta kemm tal-Ministru ghall-Edukazzjoni kif ukoll ta' l-Avukat ta' l-Istat li gietipprezentata fir-**

**registru tal-Qorti fit-2 ta' Frar, 2022. Dawn id-dokumenti gew moghtija kopja lil kontra parte.**

**Ir-risposta tal-Ministru ghall-Edukazzjoni tghid :-**

1) **Illi permezz ta' dan ir-rikors, ir-rikorrenti qed titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jigu kjamati fil-kawza "il-Kap tad-Dipartiment u s-Segretarju Permanenti koncernanti fil-Ministeru ghall-Edukazzjoni" u dan biex b'hekk, skond ir-rikorrenti, il-gudizzju jkun integru u sabiex l-istess kjamati fil-kawza jkunu jistghu jwiegbu ghat-talba imressqa mir-rikorrenti.**
2) **Illi in vista' ta' dan ir-rikors, dan l-Onorabbli Tribunal ordna lill-esponent sabiex iwiegeb ghalih fis-seduta ta' nhar il-Hamis, 3 ta' Frar, 2022.**
3) **Illi t-talba tar-rikorrenti hi nfondata fil-fatt u fid-dritt u jisthoqq li tigi michuda, u ghal dan il-ghan, l-esponent qed jaghmel is-segwenti kunsiderazzjonijiet.**
4) **Illi jibda billi jinghad li fost l-eccezzjonijiet imressqa mill-esponent ghar-rikors promotur, l-esponent eccepixxa li hu m'huwiex leggittimu kontradittur u dan peress li ai termini tal-Arikolu 17 (8) tal-Kap. 595, kien is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru li kellu jitharrek u mhux l-esponent.**
5) **Illi tajjeb jinghad ukoll li fl-ewwel dehra quddiem dan l-Onorabbli Tribunal, ir-rikorrent kienet mistiedna tiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet imressqa mill-esponent u mill-Avukat tal-Istat u**

**twiegeb bil-miktub ghal uhud mill-eccezzjonijiet preliminari li kienu tressqu. Permezz ta' nota datata 7 ta' Jannar, 2022, ir-rikorrenti wiegbet ghal dawn l-eccezzjonijiet, hija tghid li fil-fehma taghha ghaliex ghandhom jigu michuda, u dahlet partikolarment fid-dettal dwar l-eccezzjoni tal-esponent dwar min hu l-legittimu kontradittur.**

6) **Illi huwa fid-dawl ta' din in-nota tar-rikorrenti li l-esponent ma jistax ma jirrimarkax kemm ir-rikorrenti hi inkonsistenti u addirittura kontradittorja fil-posizzjoni taghha. Fin-nota tas-7 ta' Jannar 2022, ir-rikorrenti ma kellha ebda problema tirrispingi l-eccezzjonijiet tal-esponent u tishaq fuq kif l-azzjoni taghha kif proposta hi legalment tenibbli. Tghid fost affarijiet ohra kif l-Artikolu 17 (8) tal-Kap.595 ma jikkrea ebda obbligu fuq persuni biex iharrku lis-Segretarji Permanenti jew kif il-Kap 595 kollu kemm hu huwa ntiz biex jirregola l-proceduri interni tal-amministrazzjoni pubblika. Min-naha l-ohra, permezz ta' dan ir-rikors qed tikkontradixxi dak kollu li sostniet u issa qed tissottometti li ghall-integrita tal-gudizzju, jkun xieraq li jitharku "il-Kap tad-Dipartiment u s-Segretarju Permanenti" tal-Ministeru tal-Edukazzjoni.**

7) **Illi jekk xejn, dan ir-rikors jikxef kif l-osservazzjonijiet maghmula mir-rikorrent fin-nota taghha huma nfondati u l-eccezzjoni tal-esponent ghandha mis-sewwa.**

8) **Illi f'dan l-istadju, imiss li dan il-punt dwar min hu l-legittmu kontradittur jigi mitharreg aktar fil-fond. Kif diga nghad, din l-**

**eccezzjoni hi bbazata fuq l-Artikolu 17 (8) tal-Kap 595. Moqrija flimkien, is-sub-artikolu (7) u (8) tal-imsemmi artikolu jghidu:**

**"(7) Minghajr pregudizzju ghad-disposizzjonijiet tal-artikolu 7 (2), is-Segretarju Permanenti ghandu jitqies li jkollu s-setghat ta' kap ta' dipartiment fir-rigward tal-Ministeru li ghalih ikun assenjat is-Segretarju Permanenti.**

**(8) Is-Segretarju Permanenti jkun ir-rapprezentant guridiku tal-Gvern f'atti u azzjonijiet gudizzjarji dwar kull haga li taqa taht il-firxa tal-attivita' tal-Ministeru li ghalih ikun assenajt".**

**9) Illi la darba l-kaz odjern kien jittratta l-impjieg li r-rikorrenti kellha fi hdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni, kien isegwi li kellu jitharrek is-Segretarju Permanenti bhala intimat, u mhux l-esponent Ministru u l-Avukat tal-Istat.**

**10) Illi dan il-punt partikolari gie mistharreg ricentament fis-sentenza preliminari moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili nhar l-14 ta' Jannar, 2022 fis-sentenza Dr Peter Gatt vs Malta College for Arts, Science and Technoloy et (Rikors Guramentat 764/2021 AD). F'dak il-kaz, l-attur harrek lil numru ta' persuni, fosthom is-Segretarju Permanenti kif ukoll il-Ministru tal-Ministeru tal-Eddukazzjoni. Tqajment il-kwistjoni ta' min hu l-legittimu kontradittur u fis-sentenza taghha, il-Qorti osservat :**

**63. F'dak illi jirrigwarda l-Ministeru ghall-Edukazzjoni u s-Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni, din il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt illi, effettivament, anke jekk ir-revoka tad-detailing tar-rikorrent giet revokata mill-Onorevoli Prim Ministru, l-ittra datata sbatax (17) ta' Gunju 2021 bid-decizjoni sabiex ir-rikorrent jirraporta ghax-xoghol fl-iskola sekondarja f'Pembroke, giet mibghuta lir-rikorrent mill-Ministeru ghall-Edukazzjoni, hekk kif jindikaw il-contact details fil-footer tal–istess ittra. L-istess jinghad ghall-email datata erbatax (14) ta' Gunju, 2021 fl-istess rigward. In oltre, it-tieni talba tar-rikorrent fir-rikors guramentat hija specifikament sabiex din il-Qorti thassar id-decizjoni (17) ta' Gunju, 2021 allegatament mehuda mill-Ministeru tal-Edukazzjoni. Ghaldaqstant, din il-Qorti ma tistax bi trankwilita tillibera lill-Ministeru ghall-Edukazzjoni mill-osservanza tal-gudizzju, meta jidher illi dan il-Ministeru kien involut fid-decizjonijiet illi ttiehdu wara li gie revokat id-detailing tar-rikorrent;**

**64. Madankollu, il-Qorti tinnota illi l-Artikolu 17 (7) u (8) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika (Kap 595 tal-Ligijiet ta' Malta) jistabbilixxu illi : In oltre, huma wkoll is-Segretarji Permanenti illi, permezz ta' Strument ta' Delega mahrug ai termini tal-Artikolu 110 tal-Kostituzzjoni u approvat mill-Prim Ministru nhar is-16 ta' Settembru 2015, b'effett mill-1 ta' Frar 2016, kif emendat bi Strument ta' Delega sussegwenti data 11 ta' Frar 2020, nghataw is-setgha u responsabbilita fuq l-impjieg**

**t'ufficcjali pubblici fil-Ministeru illi fi hdanu jkunu jagixxu bhala Segretarji Permanenti.**

**65. Il-Qorti ma tarax ghalfejn ghandhom jigu mharrka fil-kawza odjerna kemm is-Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru ghall-Edukazzjoni, kif ukoll il-Ministru ghall-Edukazzjoni, meta effettivament, fid-dawl ta' dawn il-provvedimenti tal-ligi: (a) huwa s-Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru ghall-Edukazzjoni illi ghandu jitqies bhala l-kap ta' dipartiment' fir-rigward tal-Ministeru ghall-Edukazzjoni; (b) huwa s-Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru ghall-Edukazzjoni illi ghandu wkoll jitqies bhala rapprezentant guridiku tal-Gvern f'azzjonijiet gudizzjarji dwar kull haga li taqa' taht l-attivita tal-Ministeru ghall-Edukazzjoni; u (c) fl-ahhar mill-ahhar, huwa s-Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru ghall-Edukazzjoni illi huwa responsabbli ghall-impjieg tal-ufficjali pubblici impjegati mal-istess Ministeru, u mhux il-Ministru nnifisha. Ghaldaqstant, b' applikazzjoni wkoll tad-dettami tal-Artikolu 181B (1) tal-Kap 12 sucitat, il-Qorti tqis illi fil-waqt illi s-Segretarju Permanenti ghandu jitqies bhala legittmu kontradittur u bhala illi ghandu relazzjoni guridika mal-attur fl-azzjoni gudizzjarja odjerna, mhux l-istess jista' jinghad ghall-Onorevoli Ministru Dr Justyne Caruana, illi ma kellhiex ghalfejn tigi wkoll imharrka fl-azzjoni gudizzjarja odjerna.**

**Ghal kull buon fini, tajjeb jinghad ukoll li din is-sentenza dahlet fil-kwistjoni dwar jekk l-Avukat tal-Istat huwiex legittimu kontradittur u l-Qorti kkonkludiet:**

**62. Fl-ewwel lok, il-Qorti tinnota illi l-ligi hija cara f'dak li jirrigwarda l-Avukat tal-Istat. Huwa evidenti illi l-azzjoni gudizzjarja odjerna mhix wahda fejn m'hemmx persuna, dipartiment jew entita' ohra governattiva lejn min tigi diretta. Hekk kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet Marcus Tonna pro et noe vs l-Ufficcjal Princiapli tal-Immigrazzjoni et**

**Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, il-legislatur ried li f'kull kaz li fih wahda mill-partijiet tkun il-Gvern, ir-rapprezentanza tkun principalment f'kap tad-dipartiment u, fejn dan ma japplikax, sussidjarjament fil-persuna tal-Avukat Generali (illum l-Avukat tal-Istat), li dejjem u f'kull kaz irid jigi notifikat bl-atti gudizzjarji li jitressqu kontra l- Gvern.**

**Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-Avukat tal-Istat, fi kwalumkwe kaz jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;**

**11) Illi tenut is-suespost, ma ghandu jkun hemm ebda dubju li fil-kaz odjern, ir-rikorrenti kellha tharrek unikament lis-Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni u mhux lill-esponent Ministru tal-Edukazzjoni. Ghal kull buon fini, jigi dikjarat ukoll li l-esponent jaqbel mal-posizzjoni tal-Avukat tal-Istat li hu wkoll mhuwiex legittimu kontradittur bill l-Avukat tal-Istat iservi rwol rezidwali li jirraprezenta l-Gvern meta n-natura tat-talba ma tkunx tista diretta kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartiment l-ohra tal-Gvern.**

**12) Illi huwa f'dan l-isfond li t-talba tar-rikorrenti ghandha tigi mistharga. Dak kollu premess f'din ir-risposta jigbed l-attenzjoni ghall-fatt li l-esponent Ministru u l-Avukat tal-Istat m'humiex legittimi kontraditturi ghall-pretensjonijiet tar-rikorrenti.**

**13) Illi tenut kont is-suespost, ghandu jigi mfakkar li l-Istitut tal-kjamat fil-kawza m'ghandux iservi biex issir sostituzzjoni tal-konvenut f'kawza. Riferenza ssir ghas-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) nhar it-30 ta' Mejju 2003 fl-ismijiet Joseph Bellizzi et vs Awtorita Martittma ta' Malta et :**

**Illi in tema legali, din il-Qorti, ghar-rigward tal-istitut tal-kjamata fil-kawza, taghmel referenza ampja ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet "Teresa armla Cilia vs Vincenzo Drago et" deciza fit-3 ta' Frar 1960, kif ukoll ghall-kaztistika hemm indikata. F'dik is-sentenza, din il-Qorti, wara li rribadit il-principju li l-fondament tal-istitut tas-sejha fil-kawza huwa l-interess li l-persuna jkolllha fl-esitu tal-gudizzju, osservat hekk : Illi huwa minnu li gie hafna drabi deciz minn dawn it-Tribunali li l-kjamata in kawza mhix ammissibbli meta l-interess tal-persuna li ghandha tigi kjamata kien jezisti mill-bidu tal-procediment, imma gurisprudenza lokali altretantu awtorevoli, bazata fuq studju aktar penetrattiv tal-istess gurisprudenza reattiva affermat li dak l-principju li gie fuq enunzjat huwa sod u veru meta l-konvenut inizjali jkun persuna assolutament estrana u ma jkollu ebda interess fil-kawza ghar-raguni logika li f'kazi simili bil-kjamata ikun hemm sostituzzjoni tal-konvenut mill-persuna tal-kjamata, mentri jekk il-konvenut inizjali,**

**ghalkemm ma jkunx l-uniku interessat fil-fatt ikollu wkoll interess fil-kawza, l-istess kjamata ta' interessati ohra mal-konvenut inizjali u originarju, li jkollu interess, il-procedura invokata ma tkunx qieghda tapporta ebda sostituzzjoni, imma biss reintegrazzjoni tal-process u kwindi l-istess hija permessa u sostenibbli.**

**Riferenza ssir ukoll ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) moghtija nhar it-12 ta' Mejju, 2003 fl-ismijiet Mildred Ferando vs Loris Bianchi pro. et noe:**

**Il-Qorti, imbaghad, ma tistax tikkoltiva b'favur s-sanatorja invokata bil-kjamat fil-kawza tal-ahwa Ferando. Dan inbazi ghal dawn il-konsiderazzjonijiet :**

- **I)** **Kif abondantement ripetut, ir-rimedju hu wiehed straordinarju bir-regoli specjali tieghu, u ma jippermetti ghalhekk l-ebda liberalita zejda jew dipartizzjoni mir-regoli li jarginawh.**
- **II)** **Fost dawn ir-regoli hemm il-fattur zmien li fih setghet issir it-talba ghar-ritrattazzjoni (At 818, Kap 12).**
- **III)** **In-necessita tal-presenza tal-ahwa Ferando fil-gudizzju ma nqalghetx fil-kors tal-kawza minhabba l-eccezzjoni ulterjuri tal-appellant. Dik il-presenza kien imissha saret 'ab initio' u ghalhekk in-nuqqas ma jistax jigi rimedjat sempliciment bis-sejha fil-kawza.**

**IV) F'kull kaz, il-kjamata in kawza ma tistax isservi biex tikkonvalida proceduri nullament proposti (Rita Portelli vs Ministru tal-Gustizzja u Affarijet Parlamentari et, Appell, 22 ta' Lulju, 1985).**

**14) Illi fil-kaz odjern, ma ghandu jkun hemm ebda dubju li l-esponent Ministru u l-Avukat tal-Istat gew imharka inutilment mir-rikorenti. L-esponent u l-Avukat tal-Istat kienu u huma assolutament estranei ghal-vertenza odjerna. Ghalhekk, it-talba tar-rikorrenti mhiex, kif hi poggietha ghall-integrita tal-gudizzju, izda qed isservi biex ikun hemm sostituzzjoni tal-intamt(i) mill-persuna kjamata u cioe' s-Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni.**

**15) Illi in vista tal-gurisprudenza hawn fuq citata, it-talba tar-rikorrenti hi legalment insostenibbli u ghalhekk ghandha tigi michuda.**

**Ghaldaqstant, l-esponent umilment jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jichad it-talba tar-rikorrenti.**

**Fir-risposta tieghu l-Avukat ta' l-Istat jghid :-**

**1) Illi fl-ewwel lok ghandu jinghad li l-Qorti taghna dejjem iddistingwew bejn is-sotituzzjoni tal-partijiet li ma ssib l-ebda sapport fil-ligi u l-kjamat in kawza skond l-artikolu 961 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;**

**2) Illi l-Qrati Maltin dejjem irritenew li meta tintalab il-kjamat in kawza ta' intimat iehor dan huwa permissibbli fejn l-intimat originali jkollu wkoll interess guridiku fil-kawza. F'dan il-kaz ikunu sempliciment qed jizdiedu n-numru ta' intimati li ghandhom jirrispondu ghax kollha kemm huma jkollhom interess guridiku. Pero mhuwiex permissibbli li ssir il-kjamat in kawza fejn l-intimat originali ma jkollu l-ebda interess guridiku u dik il-kjamat in kawza tkun qed tintuza biss bl-iskop li tissostitwixxieh ma persuna ohra li r-rikorrent ikun messu harrek.**

**Fis-sentenza taghha tat-30 ta' Mejju 2003 fl-ismijiet Joseph Bellizzi et v Awtorita Marittima ta' Malta et, il-Qorti Civili Prim Awla (Sede Kostituzzjonali) spjegat il-pozizzjoni legali in succini b'dan il-mod:**

**"Ghaldaqstant il-posizzjoni legali in subjecta materja llum hi fis-sens li s-sejha fil-kawza tal-persuna li ghandha interess fl-esitu tal-gudizzju ghandha tigi ammessa biex jigi re integrat il-procediment ghax meta l-konvenut originali jkun diga' interessat fil-kawza l-gudizzju diga jkollu 'res standi', u l-ammissjoni tat-terz interessat ikun qed iservi biex jirrentegra l-procediment. Fil-waqt li jekk il-konvenut originali ma jkollu ebda interess fil-kawza, bl-ammissjoni tat-terzi interessat, il-Qorti tkun 'qeghda tirreintegra gudizzju li originarjament ma kellux saqajn li fuqhom seta' jieqaf legalment'. Ghaldaqstant is-sostituzzjoni tal-konvenut originali mhux ammessa.**

**3) Illi propju fil-kaz tal-lum, ir-rikorrenti ghamlet talba ghall-kjamat in kawza wara li ntebhet li l-intimati m'humiex legittimu kuntraditturi ghat-talbiet taghha, u dan ezatt fl-istadju fejn dan l-Onorabbli Tribunal kien se jaghti pronuncjament fuq tali eccezzjoni tal-legittimu kuntradittur. Ghalhekk jidher wisq car li l-iskop tal-kjamat in kawza mhi xejn hlief tenatattiv li l-intimati prezenti, li huma ghal kollox estraei ghall-kawza odjerna, jigu sostitwiti ghal persuni ohra li r-rikorrenti kien messha mxiet kontrihom mill-bidu nett tal-procediment.**

**Ghaldaqstant fid-dawl ta' dawn ir-ragunijiet l-esponent umilment jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jichad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra taghha.**

**Fis-seduta ta' nhar il-Hamis 3 ta' Frar, 2022 wara li t-Tribunal Industrijali innota u ra r-rikors tar-rikorrenti datat 25 ta' Jannar, 2022 kif ukoll innota r-risposta kemm tal-Ministru ghall-Edukazzjoni kif ukoll ta' l-Avukat ta' l-Istat, it-Tribunal Industrijali ddecieda li l-ewwel eccezzjoni Preliminari li ghandha tigi ttrattata hija l-eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni.**

**L-ewwel seduta biex tigi ttrattata l-eccezzjoni preliminari dwar il-preskrizzjoni saret fit-8 ta' Marzu, 2022 u minn naha tal-Ministru Ghall-Edukazzjoni u l-Avukat ta' l-Istat ipprezentaw dokument fejn hemm**

**indikat li permezz ta' ittra datata 30 ta' Gunju, 2021 u liema ittra giet mibghuta permezz ta' email datata 1 ta' Lulju, 2021 ir-rikorrenti giet infurmatha li l-impieg taghha kien qed jigi terminat waqt iz-zmien ta' prova.**

**Dokument iehor li gie pprezentat mill-parti appellata kienet l-ittra datata 30 ta' Gunju, 2021 fejn ir-rikorrenti giet infurmata bit-terminazzjoni ta' l-impieg permezz ta' l-ittra imsemmija giet registrata u d-dokument tar-registrazzjoni hemm indikat li din intbghatet fit-2 ta' Lulju, 2021 u u dan id-dokument jindika wkoll li r-rikorrenti ircieviet l-ittra fit-3 ta' Lulju, 2021 kif ukoll hemm il-firma li l-ittra waslet fir-residenza tar-rikorrenti.**

**Min naha tar-rikorrenti fix-xhieda taghha tghid, li ma kienitx rat l-email ghax dak hu email tal-post tax-xoghol pero meta giet mistoqsija jekk dan l-email kellix access ghalih biss mill-post tax-xoghol hija twiegeb li l-email jista jkollha access ghalih minn barra l-post tax-xoghol.**

**Ir-rikorrenti tghid ukoll rigward l-ittra li giet irregistrata bil-posta, li l-firma li hemm fuq id-dokument tar-registrazzjoni tal-posta hija taghha pero d-data 3/7 (tlieta ta' Lulju) ma kienitx handwriting taghha u hija irceviet l-ittra fl'10 ta' Lulju, 2021.**

**Wara din ix-xhieda tar-rikorrenti gie deciz li ssir sospensjoni tax-xhieda taghha u jigi mharrek ufficcjal tal-Maltapost sabiex jixhed fuq id-dokument tar-registrazzjoni ta' l-ittra.**

**Ms Carmen Scerri Lautier li tahdem bhala Supervisor fil-Legal Department tal-Malta Post fix-xhieda taghha pprezentat dokumenti fejn ikkonfermat li l-ittra tat-30 ta' Gunju, 2021 giet registrata fit-2 ta' Lulju, 2021 u waslet fir-residenza tar-rikorrenti fit-3 ta' Lulju, 2021.**

**Is-Sur Mario Azzopardi rapprezentant tal-Ministeru ghall-Edukazzjoni li jahdem fis-sezzjoni tal-Human Resources fl'istess Ministeru, fix-xhieda tieghu pprezenta dokumentazzjonijiet inkluz email datata 2 ta' Lulju, 2021 li tghid "Please notE that while the letter states that termination of probation is effective from date of letter no action is to be taken as regards termination of employment until the Public Service Commission informs us as to whether the officer has submitted an appeal. In the case where an appeal would have been submitted any action is to be stopped until the case is decided by the PSC".**

**Mix-xhieda tas-Sur Azzopardi gie kkonfermat li r-rikorrenti ma ghamlitx l-appell quddiem il-PSC u konsegwentament minn dokument iehor li pprezenta s-Sur Azzopardi li hu Termination Form tal-Jobsplus jirrizulta li l-impjieg tar-rikorrenti gie terminat b'effett mill-20 ta' Lulju, 2021.**

**Wara li it-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra li Statements of Case tal-partijiet, semgha u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u pprezentati jiddeciedi li d-data effettiva tat-terminazzjoni ta' l'impieg tar-rikorrenti saret b'sehh mill-20 ta' Lulju, 2021.**

**It-Tribunal Industrijali mill-provi jirrizultalu wkoll, li d-dikjarazzjonijiet tal-kaz tar-rikorrenti gew pprezentati mill-PL Daniel Aquilina fil-15 ta' Novembru, 2021.**

**Invista ta' dawn il-provi, it-Tribunal Industrijali jiddeciedi li l-kaz tar-rikorrenti gie pprezentat fi zmien erba xhur skond l-Artikolu 75 (3) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**It-Tribunal Industrijali jiddeciedi wkoll, li jkompli jiehu konjizzjoni tal-Kaz.**

**ft/Harold Walls** **Vera kopja**

**Chairman**

**Mary Rose Galea**
**A/Segretarja**

**Data : 22 ta' Settembru, 2022**